MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2006

Numru. 673/2003

FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)
SEDUTA TA' NHAR 17 TA' JANNAR 2006

PULIZIJA
SPETTUR SIMON GALEA
SPETTUR DENNIS THEUMA
VS
STEVEN AZZOPARDI
PETER AZZOPARDI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Steven Azzopardi, ta' 17-il sena, bin Peter u Brigitte nee' Grech, imwieled Pieta' fil-11 ta' Lulju 1986, u joqghod Jeanbert, Sqaq Charlotte, Gharghur, detentur tal-karta tal-identita' numru 318186(M), u lil Peter Azzopardi, ta' 43 sena, bin

Carmelo u Josephine nee’ Buttigieg, imwieled Pieta’ fil-15 t’Ottubru 1959 u residenti Jeanbert, Sqaq Charlotte, Gharghur, detentur tal-karta tal-identita’ numru 700759(M), u akkuzati talli fil-11 t’Awissu 2003 filghaxija waqt li kienu l-Gharghur:

(1) dolozament, bi hsieb li jaghmlu delitt u cioe’ li joqtlu lil John Grech mill-Gharghur, jew bil-hsieb li jqieghdu l-hajja tal-istess John Grech f’periklu car, urew tali hsieb b’atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta’ tali delitt billi permezz ta’ sikkina jew strument iehor li jaqta’ u bil-ponta, xejjru diversi daqqiet fid-direzzjoni tal-istess John Grech u kkagunawlu feriti kif iccertifika Dr Anthony Gatt MD mill-Isptar San Luqa, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta’ taghhom

(2) aktar talli Steven u Peter Azzopardi fl-istess hin, lok u cirkostanzi kellhom fil-pussess taghhom jew fil-kontroll taghhom arma regolari jew irregolari, u cioe’ sikkina u mus rispettivament barra minn fond jew post li jaghmel mieghu, kif ukoll zammew u garrew l-istess arma minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija

(3) aktar talli fl-istess lok u cirkostanzi volontarjament kisru l-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied

(4) u aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi minghajr ma darrbu jew sawwtu, heddu b’gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin jew qabdu armi ohra kontra l-persuna ta’ John Grech, Michael Grech, Tony Borg u Reuben Azzopardi.

Lil Steven Azzopardi wahdu, akkuzat talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi:

(1) saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni HAW 026 b’manjiera perikoluza u bla kont u b’velocita’ eccessiva

(2) aktar talli f’dawn il-Gzejjer, fil-11 t’Awissu 2003, u fix-xhur ta’ qabel, b’diversi azzjonijiet maghmulin minnu fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmulin b’rizoluzzjoni wahda, saq il-vettura HAW 026 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija jew minghajr licenzja specifikata biex isuq l-imsemmija vettura

u b’hekk ma kienx kopert b’polza tas-sigurta’ ghar-riskju ta’ terzi persuni

Lil Peter Azzopardi wahdu, akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, fil-11 t’Awissu 2003 u fix-xhur ta’ qabel, ippermetta lil ibnu minuri Steven Azzopardi li jsuq il-vettura HAW 026 meta kien jaf li l-istess Steven Azzopardi ma kellux licenzja tas-sewqan.

Il-Prosekuzzjoni talbet li fil-kaz ta’ htija, Steven Azzopardi jigi skwalifikat milli jottjeni kull tip ta’ licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta’ mhux inqas minn tnax-il xahar.

Il-Qorti setghet ukoll, meta dehrilha xieraq, biex tipprovdi ghas-sigurta’ tal-persuna ta’ haddiehor jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati b’obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta’ somma ta’ flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat is-sentenza tal-10 ta’ Jannar 2006 fil-konfront ta’ Steven Azzopardi.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-Artikli elenkati mill-Avukat Generali, taht liema Artikli din il-Qorti tista’ ssib htija fl-imputat.

Rat il-verbal tas-7 ta’ Dicembru 2004, fejn l-imputat ma kellux oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti.

Rat l-ammissjoni tal-imputat Peter Azzopardi tas-17 ta’Jannar 2006.

Rat ir-rikors tas-16 ta’ Jannar 2006 tal-Avukat Generali u tal-imputat Peter Azzopardi ai termini tal-Artiklu 453A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, li fihom l-Avukat Generali u l-imputat Peter Azzopardi permezz ta’ pattegjament qablu illi l-piena fil-kaz kontra Peter Azzopardi ghandha tkun ta’ tmintax-il xahar (18) prigunerija.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi l-Qorti, in vista tal-ammissjoni tal-imputat, issib lill-istess imputat hati skond l-akkuza. Illi ghar-rigward tal-piena, l-Qorti ghandha quddiemha nota konguntiva tal-imputat u tal-Avukat Generali, fejn l-imputat u l-Avukat Generali qablu illi tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-piena f'dan il-kaz ghandha tkun ta' tmintax-il xahar prigunerija.

Ikkunsidrat:-

Illi din il-Qorti, fliet bir-reqqa Artiklu 392A(5), li testendi l-applikazzjoni tal-Artiklu 453A ghal proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati fejn jintalab il-pattegjament.

Illi in oltre din il-Qorti fliet bir-reqqa dawk il-"guidelines" li gew sottolinejati mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Imhallef Dr J. Galea Debono, fil-kawza Il-Pulizija Spettur A.Miruzzi vs Omissis Jason Spagnol tas-6 ta' Jannar 2005.

Illi mid-dispozizzjonijiet tal-Artiklu 392A u 453A, huwa car li l-Ligi tahseb ghal istanzi, fejn il-Qorti, minkejja ftehim bejn l-Avukat Generali u l-imputat fuq piena, tista' ma taqbilx ma' tali piena, u fejn allura addirittura ghandha tichad it-talba ta' pattegjament.

Infatti, il-Ligi taht Artiklu 453(2), taghti c-cirkostanzi fejn din il-Qorti tista' tichad addirittura t-talba ghal pattegjament u cioe':
(1) meta jkun hemm raguni tajba biex wiehed jiddubita jekk ir-reat in genere "kienx tassew maghmul";
(2) hemm raguni tajba biex wiehed jiddubita jekk "l-akkuzat hux hati ta' reat".

Illi Artiklu 453A u precisat fis-sub-inciz (3)(4)(5), jaghti c-cirkostanzi jew parametri kollha li fihom il-Qorti hija libera li taghmel varjazzjonijiet zghar fil-piena li giet miftehma mill-partijiet:

Dawn il-parametri huma s-segwenti:

1. Fejn gie miftiehem li tinghata “suspended sentence”, il-Qorti mhix impedita milli taghti “suspended sentence supervision order”, jew ordni ta’ restituzzjoni jew kumpens (ara Artiklu 453(3)),
2. Fejn il-partijiet jiftehmu dwar piena taht att dwar il-probation, il-Qorti tista’ taghmel ordni taht Artiklu 11 tal-istess att, u cioe’ “community service order” (ara Artiklu 453(4)),
3. Fejn tinghata sentenza wara pattegjament, ma tolqotx kwistjonijiet imsemmija fl-Artiklu 25(3)(a) dwar il-probation:
(a) dritt li jappella
(b) radd lura ta’ propjeta’ bhala konsegwenza ta’ decizjoni (ara Artiklu 453(5)).

Illi din il-Qorti tibda’ biex tippreciza illi f’ebda stadju ta’ proceduri ma kien hemm xi raguni valida li wasslet lill-Qorti li tiddubita jekk kemm-il darba dan ir-reat issussista, xi dubju jew dubji ohra mahsuba taht l-Artiklu 453(2) tal-Kap 9. Tant hu hekk illi din il-Qorti accettat it-talba ta’ pattegjament li kienet qed tigi negozjata (ara fol 302).

In vista ta’ dan kollu, din il-Qorti ssib lill-imputat Peter Azzopardi hati skond l-akkuza, u wara li rat Artikli 216, 217, 218, 338(dd), 339(1)(b), 392A, 453A,17(b)(c), 30, 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, Artiklu 15 tal-Kap 65, u Artiklu 3 tal-Kap 104, tikkundanna lill-imputat Peter Azzopardi ghal tmintax-il xahar (18) prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------